

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1226/2008**tat-8 ta' Diċembru 2008**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ġerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ġerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jelenka l-persuni koperti mill-ifriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/922/CFSP (²) temenda l-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/CFSP (³) biżżejda ta' 11-il isem u t-tnejħija ta' wieħed. L-Anness III

tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu, għalhekk, ikun emendat f'dan is-sens.

- (3) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri pprovduti għalihom f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Eneko LANDÁBURU

Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

(¹) ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1.

(²) Ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(³) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-persuni naturali li ġejjin għandhom jiżdiedu wara n-numru 168 fil-lista:

ISEM	KARIGA / RAĠUNIJIET GĦAD-DĦUL FIL-LISTA
"173. Newton Kachepa	Membru Parlamentari elett minn Mudzi ta' Fuq, involut direttament fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
174. Maġġur Kairo Mhandu	Armata Nazzjonali taż-Żimbabwe (ZNA), involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
175. Brigadier Ġenerali Sibusio Bussie Moyo	Armata Nazzjonali taż-Żimbabwe (ZNA), involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
176. Brigadier Ġenerali Richard Ruwodo	Promoss fit-12 ta' Awwissu 2008 għall-grad ta' Maġġur Ġenerali (irtirat); eks-Āġent Sotto-Segretarju Permanenti (PUS) għall-Ministeru tad-Difiża, involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
177. Misheck Nyawani	Involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
178. Columbus Mudonhi	Assistent Spettur tal-Pulizija tar-Repubblika taż-Żimbabwe (ZRP), involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
179. Isaac Mumba	Supretendent involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
180. Martin Kwainona	Assistent Kummissarju, involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
181. Paul Mudzvova	Surġent (SGT), involut direttamente fil-kampanja ta' terrur li saret qabel u wara l-elezzjonijiet
182. Martin Dinha	Gvernatur Provinċjali għall-Mashonaland Ċentrali
183. Faber Chidrikire	Gvernatur Provinċjali għall-Mashonaland tal-Punent"

(2) Il-persuna naturali li ġejja għandha titneħħa mill-lista:

"45. Makoni , Simbarashe	Deputat Segretarju Ġenerali tal-Polituro ta' ZANU (PF) inkarigat mill-Affarijiet Ekonomiċi (eks-Ministru tal-Finanzi), imwied fit-22.3.1950 membru tal-Polituro u bħala tali b'rabitiet qawwija mal-Gvern u l-politika tiegħu."
---------------------------------	---